TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 216/12 (JE).

Sylvana u Chris Falzon

vs

Klikk Computers Ltd.

Illum, 16 ta' Diċembru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Victoria u Rebecca Zammit tal-21 ta' Novembru 2011 fejn talbu r-rifużjoni ta' € 185, prezz ta' camera ta' taħt l-ilma li meta bdiet tintuża bdiet timtela bl-ilma u tittappan.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta fejn stqarret illi meta sar l-ilment, hija ħadet il-camera għand l-aġent tal-Fuji f'Malta li kkonstata illi dina l-camera kien fiha daqqiet f'kantuniera illi kienu qed jikkaġunaw dina l-ħsara u ma kienx possibli illi dina camera tissewwa jew tinbidel bil-garanzija.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-camera soffriet daqqa illi minħabba fiha l-camera ma baqgħetx tissiġilla sew u beda jidħol l-ilma fiha. Dana rriżulta mix-xhieda estensiva u dettaljata ta' Mario Ciancio u minn dak illi t-Tribunal stess seta' jikkonstata b'għajnejh stess. Għaldaqstant, l-ilment tal-atturi hu għal kollox infondat għax il-ħsara lamentata saret kaġun tagħhom jew min minnhom u m'hemm l-ebda kwistjoni illi l-oġġett in kwistjoni ma kienx tal-kwalita pattwita' jew żviluppalu xi difett moħbi.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.